# IS-SEHWIEN

Wieħed sehwien (1) kien miexi u f'idu l-ħabel tal-ħmar u kien iġebbdu warajh. Rawh żewġ irġiel moħħom jilħiqilhom u qal wieħed minnhom lil sieħbu: Jien nieħu dal-ħmar lil dar-raġel. U qallu: Kif tieħdu? Wieġbu: Ejja miegħi u nurik. U mar miegħu. U resaq l-ieħor lejn il-ħmar, ħall il-ħabel minnu u tâh lil sieħbu u tafa' l-ħabel ma' rasu. U baqa' miexi wara s-sehwien sa ma għaraf li sieħbu mar bil-ħmar. Inbagħad waqaf, u ġebbdu s-sehwien bil-ħabel, imma ma mexiex. Dar lejh u ra l-ħabel f'ras raġel. Qallu: Min int? Wieġbu: Jien ħmârek, u lili ġratli biċċa tal-għaġeb. Kelli ommi xiħa u darba mort għandha fis-sakra u qaltli: Ibni, indem u dur lejn Alla l-Għoli minn dan il-ħażen. U qbadt il-ħatar u drabtha bih, u hi dgħâtli u bidilni Alla l-Għoli fi ħmar u waqqagħni f'idejk. U bqajt għandek dan iż-żmien kollu. Meta kien dan il-jum ftakritni ommi u ħennet qalbha għalijja, talbet għalijja u reġġagħni Alla bniedem kif kont. Qallu r-raġel: Mhemmx setgħa u mhemmx qawwa ħlief f'Alla l-kbir. Aħfirli ħija milli għamiltlek, minn kemm irkibtek. Inbagħad ħalla triqtu u mar u reġa' sid il-ħmar lejn daru, miblugħ bil-għali. Qaltlu martu: Xi ġrâlek u fejn hu l-ħmar? Weġibha: Inti ma għandekx ħbar il-ħmar, u jien inħabbrek bih. U qalilha l-ġrajja tiegħu. U qalet: Jaħasra għalina! kif għad-dielna dan iż-żmien kollu, u aħna konna naħdmu bi bniedem? Inbagħad talbet maħfra, u qagħad ir-raġel id-dar żmien min-għajr xogħol. U qaltlu martu: Kemm sa jdum dan il-qgħad tiegħek id-dar mingħajr xogħol? Mur is-suq u ixtri ħmar u aħdem bih. U mar is-suq u waqaf iħares lejn il-ħmir u jara l-ħmar tiegħu jinbiegħ. Xħin għarfu, resaq lejh, qiegħed fommu ma' widintu u qallu: Jaħasra għalik! jaqaw irġajt għas-sokor u drabt 'l ommok? Imma jien ma nixtrik qatt.

Maqlub mill-Għarbi minn P.P. Saydon

---

(1) *Sehwien* = wieħed moħħu mxerred, aljenat.